MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 210/2009

**S & D YACHTS LIMITED** (C-3476)

vs

**DIRETTUR TA' L-UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fis-6 ta' Ottubru, 2008 fil-każ "*S & D Yachts Limited vs Il-Gvern ta' Malta, l-Awtorita' Marittima ta' Maltau b'degriet datat it-3 ta' Diċembru tas-sena 2007, is-soċjeta' MIDI p.l.c. intervenuta fil-kawża u b'degriet datat it-2 ta' Lulju tas-*

*sena 2007, l-Avukat Ġenerali nomine kjamat in kawża*" (Każ Nru. 2 tal-2007) kienet waħda *ultra vires* għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-imsemmija Kummissjoni abbużat mis-setgħat tagħha għaliex ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u ttieħdet għal skopijiet mhux xierqa jew għaliex dik id-deċiżjoni tmur kontra l-liġi; (b) issib li l-istess deċiżjoni ma tiswiex; u (ċ) tordna rimedju adegwat fil-konfront tagħha. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur imħarrek fit-3 ta' April, 2009, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-istess Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex il-kumpannija attriċi naqset li tħares dak li jrid l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u ma ressqet l-ebda att ġudizzjarju preventiv qabel għażlet li tiftaħ din il-kawża; u wkoll li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur, għaliex hu ma tax id-deċiżjoni li minnha tilminta l-kumpannija attriċi u lanqas għandu l-ebda setgħa fuq il-Kummissjoni li ippronunzjat id-deċiżjoni attakkata. Fil-mertu, laqa' billi qal d-deċiżjoni attakkata ma taqax fl-ambitu ta' azzjoni ta' stħarriġ maħsuba fl-artikolu 469A tal-imsemmi Kodiċi, billi hija deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2009[1], li bih ordnat li l-ewwel għandha ssir it-trattazzjoni tal-ewwel erba' paragrafi tat-Tweġiba Maħlufa tal-imħarrek;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2010;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2010, li bih ordnat bdil fl-att tat-Tweġiba Maħlufa biex jiżdied l-imħarrek

[1] Paġ. 80 tal-proċess

Avukat Ġenerali fl-imsemmi att għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-30 ta' Marzu, 2010[2];

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "S & D") trid li l-Qorti tistħarreġ deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Kummissjoni") fuq ilment tagħha kontra l-Gvern u l-Awtorita' Marittima f'Malta għaliex tgħid li dik id-deċiżjoni ma tiswiex minħabba li l-Kummissjoni qabżet is-setgħat tagħha billi abbużat minnhom. Issemmi żewġ raġunijiet għaliex, fil-fehma tagħha, seħħ dan: l-ewwel raġuni hi li l-Kummissjoni sejset il-fehmiet tagħha fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti, u t-tieni raġuni hi għaliex id-deċiżjoni tagħha tmur kontra l-liġi;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi ressqu eċċezzjonijiet preliminari dwar is-siwi tal-azzjoni, dwar jekk azzjoni bħal din tistax issir dwar deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni u dwar jekk il-kawża messhiex saret kontra l-imħarrek, ladarba hu ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni mogħtija u lanqas m'għandu xi setgħa fuq il-Kummissjoni li tat dik id-deċiżjoni. Ressqu wkoll eċċezzjoni fil-mertu;

[2] Paġġ. 111- 7 tal-proċess

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija tliet eċċezzjonijiet preliminari;

Illi fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li fi Frar tal-2006[3], S & D ressqet ilment dwar ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 u 30 tal-Att tal-1994 dwar il-Kompetizzjoni[4] li tgħid li seħħ meta, f'Ġunju tal-2000, l-Awtorita' Marittima ta' Malta u l-Kummissarju tal-Artijiet daħlu f'kuntratt ta' enfitewsi ma' MIDI p.l.c. dwar l-iżvilupp ta' Manoel Island. B'ittra tal-20 ta' Marzu, 2007[5], l-imħarrek bagħat lil S & D tweġiba motivata biex jgħarrafha li ma kienx laqa' l-ilment tagħha. S & D ma riditx toqgħod għal dik is-sejba. Fl-10 ta' April, 2007, l-imħarrek, fuq talba ta' S & D, ressaq Rikors quddiem il-Kummissjoni;

Illi fis-6 ta' Ottubru, 2008, il-Kummissjoni tat id-deċiżjoni tagħha (dik li S & D qiegħda f'din il-kawża titlob li din il-Qorti tistħarreġ) li biha sabet li ma kien seħħ l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-3 ta' Marzu, 2009, S & D fetħet din il-kawża;

Illi jidher xieraq li l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali rigward l-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami fl-ordni li tressqu l-istess eċċezzjonijiet. Dan jingħad minħabba n-natura legali tagħhom u xejn anqas minħabba l-effetti perentorji li jista' jkollhom fuq il-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża;

Illi l-ewwel eċċezzjoni li l-Qorti trid tistħarreġ hija dik dwar **is-siwi tal-azzjoni attriċi ladarba saret bi ksur tal-artikolu 460** tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dak l-artikolu tal-liġi jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista' jitressaq u ebda proċediment ma jista' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest li jfissru b'mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita' jew persuna bħal dak;

[3] Dok "Ċ", f'paġġ. 30 – 4 tal-proċess
[4] Att XXXI tal-1994 (Kap 379)
[5] Dok "B", f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess

Illi l-kumpannija attriċi taċċetta li, qabel ma fetħet din il-kawża, ma bagħtet l-ebda att ġudizzjarju lill-imħarrek. Iżda l-għaref difensur tagħha jisħaq li ma kien meħtieġ l-ebda att ġudizzjarju bħal dak ladarba bejn il-kumpannija attriċi u l-awtorita' pubblika kien ilhom għaddejjin proċeduri għal aktar minn sentejn. Żied jgħid li l-ħsieb wara d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 huwa dak li l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika jkunu mgħarrfa uffiċjalment bil-pretensjoni tal-persuna qabel ma dik il-persuna tkun tista' tmexxi b'kawża kontra l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika. Għalhekk, ladarba fil-każ ta' S & D l-awtorita' pubblika kienet taf diġa' li l-kumpannija attriċi kienet ressqet l-ilment tagħha dwar ksur tal-Kapitolu 379, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex kellha tħares dak li jrid l-artikolu 460. Għalqa biex staqsa wkoll x'messha kienet it-talba li S & D kellha tagħmel, fil-każ tal-lum, kieku stess għażlet li tibgħat lill-imħarrek ittra uffiċjali qabel fetħet din il-kawża;

Illi xieraq jingħad li dan l-artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet li l-liġi tikkontempla fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji li fihom ikun imdaħħal il-Gvern. F'din l-għamla ta' proċeduri, l-liġi tagħti lill-Gvern ċerti privileġġi. Minħabba f'hekk, u billi dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura partikolari, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali proċedurali u fl-istess waqt jitħaddmu fi ħdan il-qafas sħiħ ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju (li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa 'l quddiem kontra l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir- Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża l-kliem "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;

Illi f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-

azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju;

Illi din il-Qorti, madankollu, tqis li fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu jiswa[6], imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita';

Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f'sentenzi ta' dawn il-Qrati, dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[7];

Illi l-Qorti ħasbet sewwa dwar din il-formulazzjoni u fittxet ukoll l-għejjun li fihom tnissel l-imsemmi artikolu 460. L-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 460, u li toħroġ mill-ewwel kliem tiegħu, hija li dan huwa suġġett għal dak li jistabilixxi s-subartikolu (2). Jekk is-subartikolu (2) għandu dispożizzjoni li tmur kontra s-subartikolu (1), jipprevali s-subartikolu (2). It-tieni karatteristika hi li, kif diġa' ngħad iżjed 'il fuq, l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern f'kawżi li fihom ikun imħarrek, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern. Għalkemm iddaħħal fis-sistema proċedurali Malti bl-Att VII tal-1981, reġa' nbidel xi ftit bil-bidliet li seħħew bl-Att XXIV tal-1995, iżda mhux b'mod radikali;

---

[6] Ara P.A. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.666**)

[7] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

Illi l-Qorti tagħraf li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta’ kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien preċedut minn ittra uffiċjali jew protest kif jingħad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu[8]. Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita’ li jġib in-nuqqas ta’ ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb ’il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f’isimhom[9];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmi artikolu jgħodd ukoll għal kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju mressqa taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta[10], u dan għaliex azzjoni bħal dik ma taqa’ taħt l-ebda waħda mill-għamliet ta’ proċeduri msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 460, liema lista hija waħda tassattiva. Jidher li l-argument ta’ S & D li f’kull każ ma kien hemm xejn x’titlob lill-imħarrek kieku kellha tagħżel li tinterpellah b’att ġudizzjarju qabel fetħet din il-kawża m’huwiex argument li jiddispensa mill-ħtiġijiet ritwali imposti mill-artikolu 460 għas-siwi tal-azzjoni attriċi. Dan jingħad għaliex, ladarba l-proċedura ma nbdietx mill-Gvern jew mill-awtorita’ pubblika[11], u ladarba mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma kienx mistenni li tissokta xi proċedura oħra, l-interpellazzjoni uffiċjali mistennija mill-artikolu 460 kellha ssir. Il-fatt li l-ittra uffiċjali ma setgħet titlob lill-imħarrek jagħmel xejn biex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun mistħarrġa mill-ġdid ma jidhirx li kien ikun ta’ xkiel biex dak l-att ġudizzjarju jitressaq xorta waħda fis-sura ta’ avviż li S & D kien fi ħsiebha tgħaddi ’l quddiem biex titlob l-istħarriġ ġudizzjarju ta’ dik id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti;

---

[8] Ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi vs Avukat Ġenerali*** (mhix pubblikata)
[9] Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et*** (mhix pubblikata)
[10] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex et***
[11] Ara, per eżempju, App. Inf. **10.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et vs Il-Kontrollur tad-Dwana***

Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' S & D li n-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni tagħha "ssewwa" ladarba r-Reġistratur tal-Qorti laqa' u mexxa r-Rikors Maħluf tagħha. Dan jingħad għar-raġuni li ssemmiet qabel f'din l-istess sentenza, u jiġifieri li l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebah li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf ta' S & D ma jġibx jiswa dak li b'rieda espressa tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu[12];

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha u m'huwiex il-każ li tibqa' tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn ukoll, ladarba l-effett tal-ilqugħ tal-ewwel eċċezzjoni preliminari jġib miegħu l-ħelsien mill-ġudizzju tal-imħarrek;

Illi, madankollu, l-Qorti tħoss li ma jkunx żejjed li tindika li, wkoll kieku ma kienx għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, jidher li **r-raba' eċċezzjoni preliminari** hija waħda mistħoqqa wkoll, u dan għaliex din il-Qorti ma tistax, bl-espedjent ta' azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 (kif dikjaratament hija l-azzjoni ta' S & D), tistħarreġ deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni[13]. Għalkemm fis-sottomissjonijiet tagħha S & D tagħmel sforz qawwi biex tipperswadi lil din il-Qorti li l-azzjoni tagħha hija kontra d-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju mmexxi mill-imħarrek, qari mqar ħafif tar-Rikors Maħluf juri bla ebda ħjiel ta' dubju li din l-azzjoni qiegħda tattakka biss id-deċiżjoni tal-Kummissjoni;

Illi bl-istess mod tgħid ma jidhrilhiex li hija mistħoqqa **t-tieni eċċezzjoni preliminari** u dan għaliex huwa stabilit li meta parti fi proċeduri quddiem bord jew tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju tkun tixtieq tikkontesta xi deċiżjoni mogħtija minn tali bord jew tribunal, il-persuna li trid titħarrek hija l-parti l-oħra li kienet involuta fil-kwestjoni mressqa quddiem tali bord jew tribunal u mhux

---

12 P.A. **15.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.13**)

13 App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq*** u App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

il-persuna li kienet qiegħda tippresjiedi tali bord jew tribunal[14];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet bi ksur tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jgħodd għaliha, u għalhekk teħles lill-imħarrkin milli joqoghdu fil-kawża **bi spejjeż għall-kumpannija attriċi.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**)